# 58. Ġrajja ta’ Mħabba

Magħluqa ġewwa ħabs għax ħabbet sewwa
lil Kavallier ta’ ħila liema bħalha,
kienet tgħaddi l-ijiem tagħżel bil-ħlewwa
għanjiet għoljin fuq dak li kien ġaralha;

U ma ħalliet qatt qatt illi bid-dnewwa
mifruqa mill-maħbub qalbha tisfalha,
u baqgħet tħobb bil-moħbi tal-għedewwa
lill-Kavallier b’imħabba liema bħalha.

U fl-aħħar wasal jum li fih mal-ħbula
niżlet mis-swar għoljin tal-ħabs bla ħniena
fi ħdan il-Kavallier, u t-tnejn rekbin

telqu għal għonq it-triq, qalb bliet u rħula,
ifittxu mkien ta’ sliem ’il bogħod mill-ħjiena,
ħa jgħixu t-tnejn flimkien qatt mifrudin!